MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2008

Numru. 751/2007

**IL-PULIZIJA**
**(SPETTUR JASON AGIUS)**

**VS**

**ANTONIO CARUANA, ta' 27 sena bin Victor u Catherine**
**nee' Zammit, imwieled Pieta' fis-6 ta' Jannar 1980 u residenti**
**31, Triq tas-Sliema,Gzira, detentur tal-karta ta'l-identita' numru**
**111480(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha l-imputat Antonio Caruana gie akkuzat talli fil-lejl ta' bejn l-4 u l-5 ta'

Settembru 2007, fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, Gudja, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe' serq, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt ta' serq li huwa kkwalifikat bil-hin u bil-persuna.

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esbiti,

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali sabiex dina l-kawza tigi ittratata bi procedura sommarja.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat Antonio Caruana fi zmien l-akkuza, kien impjegat bhala loader/driver mal-kumpanija GlobeGround Malta. Xogholu kien fost affarijiet ohra li jiehu hsieb jistiva l-bagalji fuq l-ajruplan qabel it-titjira. Fil-lejl in kwistjoni, l-imputat kien qieghed xoghol fil-hold ta'l-ajruplan lest ghat-titjira MYT804 lejn Newcastle gewwa l-Ingilterra. Il-kollega tieghu Horace Abela kien qieghed fil-bieba tal-hold jilqa' il-bagalji li kienu telghin fuq il-*conveyor belt*, liema bagalji kienu qed jigu mpoggija fuq l-istess *conveyor* mil-*headloader* certu Servelo Bugeja. L-imputat ghalhekk f'dak il-hin kien jinsab gharkubtejh gewwa l-*hold* tal-ajruplan, jilqa' l-bagalji li kien qed ighaddilu Horace Abela minn fuq il-*conveyor*, u kien qieghed jiehu hsieb jistiva dawn il-bagalji gewwa l-hold. Meta il-bagalji kien kwazi tghabbew kollha, il-*headloader* Servelo Bugeja jallega illi ra lill-imputat li kien qieghed kwazi bil-qieghda u la genbha ghal vista tieghu, jiftah iz-zip ta' bagalja. Hekk kif ra dan huwa telgha minnufih gol-*hold* ta'l-ajruplan hdejn Caruana, nehha xi bagalja u baskett u sab dina il-bagalja in kwistjoni biz-zip taghha kwazi kompletament miftuh. Huwa akkuza lill-imputat li kien qed jipprova jisraq minnha u l-imputat min-naha tieghu cahad dina l-allegazzjoni. Bugeja kecca lill-imputat minn fuq l-ajruplan u l-imputat minn naha tieghu mar l-ghassa tal-pulizija jaghmel rapport dwar dina l-allegazzjoni.

Illi sid il-babalja sussegwentement tnizzel minn fuq l-ajruplan sabiex jara jekk kellux xi haga nieqsa minn go dina l-bagalja, izda dana sab li kollox kien f'postu u ghalhekk il-bagalja inghalqet u reghhet itellghet ghal fuq l-ajruplan.

Illi il-Qorti, ghalhekk ghandha quddiemha zewg verzjonijiet, dik ta' Servolo Bugeja li isostni diversi drabi fil-kors tax-xhieda tieghu illi huwa ra b'ghajnejh lill-imputat jiftah dina l-bagalja, u min-naha l-ohra lill-imputat Caruana li qieghed jichad illi ghamel dana.

Illi huwa fatt madanakollu mhux ikkontestat illi z-zip tal-bagalja in kwistjoni kien kwazi kompletament miftuh meta il-bagalja tnizzlet minn fuq l-ajruplan. Huwa fatt ukoll li gie stabbilit mill-provi illi sakemm dina l-istess bagalja wasslet ghal fuq il-*hold* tal-ajruplan, iz-zip sa dak il-mument kien ghadu maghluq. Dana jirrizulta kemm mix-xhieda ta' Servelo Bugeja li issostni illi huwa ghabba il-bagalji kollha ghal fuq il-*conveyor belt* maghluqa, inkluz ghalhekk il-bagalja in kwistjoni, kif ukoll mix-xhieda ta' Horace Abela li kien qieghed ighaddi il-bagalji minn fuq il-*conveyor belt*, lill-imputat sabiex jistivhom gewwa il-*hold* meta isostni: "nikkonferma illi meta jiena ghaddejt il-bagalji lil dana Caruana, dawna kienu kollha ghadhom maghluqin." (fol.38). Illi ghalhekk ma hemmx dubbju illi kien bil-fors l-imputat illi fetah il-bagalja in kwistjoni ghaliex jista' jigi eskluz illi matul il-*handling* iz-zip tal-bagalja seta' infetah wahdu! Illi ghalhekk il-Qorti temmen dak illi qieghed ighid ix-xhud Bugeja, meta isostni, ghal iktar minn darba matul il-kors tax-xhieda tieghu illi huwa ra lill-imputat jiftah il-bagalja mill-posizzjoni fejn kien jinstab. Sabiex jikkorabora dana kollu hemm imbaghad ix-xhieda ta' Horace Abela illi ighid illi huwa thasseb xi ftit meta ra illi l-imputat ma bediex ilahhaq mal-bagalji li kien qieghed ighaddielu. U ghalkemm dana Abela isostni illi l-imputat kellu iktar xoghol x'jaghmel minnu ghaliex kellu jiehu hsieb jilqa' il-bagalji minn ghandu sabiex imbaghad jistivhom, ix-xhud ighid xorta wahda: "ssusspettajt ghaliex rajt li dana Caruana baqa' mal-istess bagalja." (fol.38)

Illi ghalhekk, il-Qorti tistaqsi, x'setghet kienet l-intenzjoni ta'l-imputat illi jiftah dina l-bagalja? Huwa fatt mhux kontestat illi il-bagalja in kwistjoni ma kenitx tappartjeni lill-imputat, u illi huwa ma seta' kellu l-ebda interess iehor fiha ghajr illi jipprova jara x'kien il-kontenut ta'l-istess bagalja. Illi ghalkemm fix-xhieda tieghu, l-imputat jinnega illi huwa seta' ghamel dana kollu, pero' m'hemm assolutament xejn aktar fil-process li jista' jaghti hjiel jew l-icken indikazzjoni li seta' kien hemm intenzjoni ohra u certament ma jistax jinghad illi l-imputat ta xi spjegazzjoni cara dwar ir-raguni 'il ghala il-bagalja in kwistjoni kienet kwazi kompletament miftuha. Li kieku ma kienx l-imputat li fetah il-bagalja, certament li matul il-*handling* huwa kien jinnota illi dina kienet miftuha, meta gie biex jistivaha, u allura, wiehed jistaqsi, 'il ghala ma gibidx l-attenzjoni tal-*headloader* illi kien hemm bagalja li qed titghabba fuq l-ajruplan li kienet miftuha!

Illi ghalhekk fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma illi kien l-imputat li fetah iz-zip tal-bagalja u li hekk kif l-imputat fetah dana z-zip huwa ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt ta' serq aggravat bil-persuna u bil-hin, liema delitt madanakollu ma giex esegwit minhabba xi haga indipendenti minnu.

Illi dwar il-kontenut tal-bagalja, jirrizulta mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni illi l-bagalja ma kenitx vojta, u kien fiha fil-maggior parti taghha, hwejjeg. (ara xhieda Martin Zammit a fol.40, 41). Ghaldaqstant il-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova illi kien jezisti is-suggett passiv tal-konsumazzjoni tad-delitt, stante illi fil-bagalja kien hemm oggett fiziku li seta ikun is-suggett ta' dan id-delitt.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 31, 41(1)(a), 268(d), 270, 281(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Antonio Caruana hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal piena ta' hames xhur prigunerija, li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dana il-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qieghda twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul l-perijodu operattiv ta' dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------